

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

29.8.2007

B6-0324/07

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

impressqa minn Vittorio Prodi, Alfonso Andria, Jean Marie Beaupuy u Marios Matsakis

f'isem il-Grupp ALDE

dwar id-diżastri naturali ta' dan is-sajf

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-diżastri naturali ta' dan is-sajf**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6 u 174 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006 dwar in-nirien fil-foresti u l-għargħar fl-Ewropa, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa<sup>1</sup>, ir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' April 2005 dwar in-nixfa fil-Portugall<sup>2</sup>, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2005 dwar in-nixfa fi Spanja<sup>3</sup>, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (nirien u għargħar) fl-Ewropa<sup>4</sup>, u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar id-diżastri naturali (nirien fil-foresti, nixfiet u għargħar) - aspetti ta' l-agrikoltura<sup>5</sup>, aspetti ta' żvilupp reġjonali<sup>6</sup> u aspetti ambjentali<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra ż-żewġ seduti ta' smiġh konġunti organizzati mill-Kumitati tiegħu għall-Iżvilupp Reġjonali, għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, u għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali dwar 'Strateġija Ewropea għad-Diżastri Naturali' (20 ta' Marzu 2006) u dwar il-**'Forza Ewropea għall-protezzjoni ċivili: għajnuna mill-Ewropa'** (5 ta' Ottubru 2006),
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 li twaqqaf mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-koperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili (2001/792/KE, Euratom)<sup>8</sup>, l-adozzjoni li se ssir ma ddumx tad-deċiżjoni emendata tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju ta' protezzjoni ċivili u l-pożizzjoni tal-Parlament ta' l-24 ta' Ottubru 2006<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) ta' Diċembru 1997 u r-ratifika tal-Protokoll ta' Kyoto mill-Komunità fl-4 ta' Marzu 2002,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni Nru 21553 dwar il-bidla fil-klima u d-dimensjoni Ewropea ta' l-ilma,
- wara li kkunsidra r-regolament 'Forest Focus',
- wara l-kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Novembru 1998 dwar

<sup>1</sup> ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 471.

<sup>2</sup> ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 599.

<sup>3</sup> ĠU C 92 E, 20.4.2006, p. 414.

<sup>4</sup> ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 322.

<sup>5</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2006)0222.

<sup>6</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2006)0223.

<sup>7</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2006)0224.

<sup>8</sup> ĠU L 297, 15.11.2001 p. 7.

<sup>9</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2006)0268.

strateġija għall-foresti għall-Unjoni Ewropea (COM(1998)0649),

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2004 dwar il-programm LIFE+ u r-risoluzzjoni tal-Parlament tat-2 ta' Mejju 2005 dwar LIFE+, strument finanzjarju għall-ambjent: programm multi-annwali 2007-2013,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar l-istrateġija riveduta għall-iżvilupp sostenibbli<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-punt 12 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006,
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (COM(2005)0108), u l-pożizzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Mejju 2006<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu tal-25 ta' April 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-għan li tkun adottata direttiva dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-għargħar<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2007 li twaqqaf Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili (2007/162/KE, Euratom)<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern tat-12 u t-13 ta' Ġunju 2007 dwar it-titjib tal-ħila ta' koordinazzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u ta' Informazzjoni (MIC) fil-mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili,
  - wara li kkunsidra r-rapport ta' Michel Barnier tad-9 ta' Mejju 2006, intitolat 'Għal forza Ewropea għall-protezzjoni ċivili: għajnuna mill-Ewropa',
  - wara li kkunsidra l-punt 12 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 dwar ir-reazzjoni ta' l-Unjoni għall-emerġenzi, il-kriżijiet u d-diżastri,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għargħar<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-sajf ta' l-2007 kien ikkaratterizzat minn nirien fil-foresti u nirien oħra f'żoni mhux ikkultivati li kienu partikolarment drammatiċi fl-Ewropa tan-Nofsinhar kollha kemm hi, li f'ħafna każijiet wasslu għall-mewt ta' ċittadini Ewropej, anke ta' staff iddedikat għat-tifi tan-nar, u fi ħsara materjali u ambjentali konsiderevoli; billi l-erja li nħarqet f'Lulju biss kienet kbira daqs l-erja totali li nħarqet matul is-sena l-oħra kollha; billi fix-xahar ta' Awissu, fil-Greċja seħħet traġedja nazzjonali serja minħabba wieħed mid-diżastri l-aktar

<sup>1</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2006)0272.

<sup>2</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2006)0218.

<sup>3</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2007)0143.

<sup>4</sup> ĠUL 71, 10.3.2007, p. 9.

<sup>5</sup> COM(2007) 414 finali.

letali minn nirien li qatt ġraw fid-dinja kollha mill-1871,

- B. billi l-erja totali ta' veġetazzjoni u art imsaġġra, inklużi Siti ta' Importanza għall-Komunità (SCIs) li huma parti min-netwerk Natura 2000 u żoni oħra b'valur ekoloġiku importanti, b'konnessjoni ekoloġika fir-reġjun sħiħ, milquta min-nirien fl-Ewropa dan is-sajf hija aktar minn 500 000 ettaru, u billi l-pajjiżi milquta b'mod l-aktar serju huma l-Greċja, l-Italja, il-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja, l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Spanja (u b'mod partikulari l-Gżejjer Kanarji) u l-Albanija,
- C. billi f'perjodi ta' nixfa, li kulma jmur qed jitwalu, se jkun dejjem aktar diffiċli li jerġgħu jtkabbru l-foresti wara nar, bir-riskju konsegwenti ta' deżertifikazzjoni,
- D. billi fis-snin riċenti kien hemm inċidenza dejjem akbar ta' avvenimenti estremi tal-klima fl-Ewropa, inklużi nixfa persistenti u temperaturi għoljin li jikkawżaw il-proliferazzjoni ta' nirien fil-foresti, deżertifikazzjoni agħar f'ħafna reġjuni u b'effett fuq l-agrikoltura, it-trobbija ta' l-annimali u l-wirt tal-foresta u f'żoni oħra tempesti u xita qawwija mhux tas-soltu li jikkawżaw għargħar rekord u ħsara minn ċedimenti ta' massa ta' art,
- E. meta jitqiesu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tad-diżastri naturali li huma ta' ħsara għall-ekonomiji reġjonali, l-attività produttiva, id-diversità ambjentali u t-turiżmu,
- F. billi l-biċċa l-kbira tan-nirien fil-foresti jitqabbd u apposta sabiex dawn in-nies jakkwistaw permess biex jibnu f'żoni ta' foresta li qabel kienu protetti,
- G. billi n-nirien fil-foresti riċenti u devastanti fil-Greċja biss ikkawżaw il-mewt ta' aktar minn 60 ruħ, weġġgħu lil ħafna nies, ħarqu eluf ta' ettari ta' foresti u ta' art miksija b'siġar żgħar, qatlu l-annimali, qerdu ħafna djar, proprjetajiet u rħula; billi, waqt din il-kriżi, kienu rrapportati 170 nar ieħor fil-foresti f'diversi postijiet fil-Greċja fl-istess ġurnata,
- H. billi fl-Italja kien hemm sitwazzjoni kritika ta' għargħar fiċ-Ċentru u t-Tramuntana u nixfiet u nirien fin-Nofsinhar,
- I. billi, fl-istess żmien, kien hemm ħafna għargħar f'partijiet oħra ta' l-Ewropa, b'mod partikulari fir-Renju Unit, li kkawża l-mewt ta' mill-anqas 10 persuni u li kkawża madwar 5 biljun euro ħsara lil djar, skejjel, infrastruttura u agrikoltura u n-nuqqas ta' provvisti ta' ilma nadif lil aktar minn 420 000 persuna, u dan wassal biex ħafna nies tilfu darhom u għal telf sinifikanti għan-negozji u l-industrija tat-turiżmu; billi xita qawwija mhux tas-soltu fir-reġjun tal-West Midlands tar-Renju Unit li laħqet 142 mm f'ġurnata kkawżat aktar għargħar għalgħarrieda li fiċkel ħafna l-isforzi tas-servizzi ta' emerġenza fit-tqegħid ta' difiżi kontra l-livelli tax-xmara dejjem telgħin u aktar ħsara lil infrastruttura u proprjetà minn ċedimenti ta' massa ta' art,
- J. billi, minħabba li s-sjuf qed isiru dejjem aktar sħan u niexfa fl-Ewropa tan-Nofsinhar, in-nirien fil-foresti u nirien oħra f'żoni mhux ikkultivati huma fenomenu rikorrenti, iżda għadhom ivarjaw drammatikament minn sena għal oħra fl-intensità u fil-post ġeografiku; billi t-tendenza ta' dawn l-avvenimenti diżastrużi hija influwenzata wkoll mill-bidla fil-klima u hija marbuta maż-żieda ta' perjodi ta' sħana qawwija u ta' nixfiet, kif innotat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nixfiet,

- K. billi l-frekwenza, il-ħruxija, il-kumplessità u l-impatt ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem madwar l-Ewropa kollha żdiedu rapidament fis-snin riċenti, billi l-effetti ta' ħsara ta' dawn id-diżastri nħassu aktar minħabba politiki ta' ppjanar, żvilupp u użu ta' l-art, filwaqt li żdied ir-riskju li jinxterdu n-nirien u naqas l-iskular naturali u l-assorbiment ta' l-ilma fl-ambjent,
- L. billi ż-żieda fil-perjodi ta' sħana qawwija għandha effett sproporzjonat fuq gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, u speċjalment fuq l-anzjani, u spiss twassal biex ħafna nies jiddaħħlu l-isptar jew imutu,
- M. billi l-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili kien attivat disa' darbiet għall-istess tip ta' emerġenza fi żmien ħames ġimgħat, u sebgħa mill-emerġenzi għaw fl-istess ħin; billi l-għajnuna ta' l-Istati Membri ma kinitx biżżejjed biex tiżgura reazzjoni ħafifa u xierqa ta' protezzjoni ċivili fl-emerġenzi kollha,
- N. billi l-Chairman tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Parlament Ewropew u l-Kummissarju ta' l-UE għall-Politika Reġjonali, fl-aħħar 12-il xahar, kitbu lill-Presidenzi tal-Kunsill biex ihegġgħom jieħdu deċiżjoni dwar ir-regolament ġdid tal-Fond ta' Solidarjetà, filwaqt li wieħed jiftakar li l-Parlament kien diġà adotta l-pożizzjoni tiegħu f'Mejju 2006,
1. Jesprimi s-solidarjetà qawwija tiegħu mal-qraba ta' dawk li mietu u mar-residenti fiż-żoni affettwati, u jfaħħar lill-ħaddiema tat-tifi tan-nar, lill-professjonisti u lill-voluntiera li ħadmu bla waqfen biex jitfu n-nirien, isalvaw in-nies u jillimitaw il-ħsara mid-diżastri naturali ta' dan is-sajf;
  2. Jirrikonoxxi s-solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea, ta' l-Istati Membri tagħha u ta' pajjiżi oħra bl-għajnuna li taw lir-reġjuni affettwati waqt emerġenzi ta' nirien fil-foresti permezz ta' inġenji ta' l-ajru, tagħmir għat-tifi tan-nar u kompetenza, kif ukoll l-għajnuna ta' min ifaħħarha mogħtija lill-awtoritajiet rilevanti u lis-servizzi tas-salvataġġ;
  3. Iqis li l-kobor ta' dawn il-fenomeni u l-konsegwenzi tagħhom jegħlbu l-ħiliet u l-kapaċitajiet reġjonali u nazzjonali u jirrikjedu strumenti Ewropej għodda u aktar effettivi b'mod urġenti; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, għan-nuqqas ta' reazzjoni u segwitu għall-proposta biex titwaqqaf Forza Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili li tkun tista' tirreaġixxi minnufih għall-emerġenzi f'livell Ewropew (rapport Barnier), liema Forza kienet diġà ntabbet mill-Parlament ħafna drabi u f'diversi rapporti; iqis li forza bħal din ikollha rwol fundamentali, speċjalment fil-fażijiet ta' prevenzjoni, immaniġġjar u rikostruzzjoni;
  4. Jirrikonoxxi l-kontribuzzjoni ta' l-Ċentru ta' Monitoraġġ u ta' Informazzjoni (MIC) lejn l-appoġġ u l-iffaċilitar tal-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' għajnuna għall-protezzjoni ċivili waqt l-emerġenzi; madankollu, jinnota li r-riżorsi ta' l-Istati Membri biex jitfu n-nirien fil-foresti, speċjalment mill-ajru, huma limitati u li m'huwiex dejjem possibbli li Stati Membri joffru appoġġ meta r-riżorsi jkunu meħtieġa għall-pajjiż; għaldaqstant, jinnota li xi Stati Membri rċevew inqas għajnuna milli meħtieġa u kellhom joqogħdu fuq ftehimiet bilaterali ma' stati li 'mhumiex fl-UE għall-għajnuna; għalhekk, jiddispjaċih li f'xi każijiet l-UE kollha kemm hi ma wrietx solidarjetà biżżejjed;
  5. Ihegġegħ lill-Kunsill b'qawwa biex jieħu deċiżjoni, mingħajr aktar dewmien, dwar ir-

regolament ġdid tal-Fond ta' Solidarjetà, filwaqt li wieħed jiftakar li l-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu f' Mejju 2006; jemmaen li r-regolament il-ġdid, li - fost miżuri oħra - inaqqas il-limiti minimi għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE, ikun jista' jirranġa l-ħsara b' mod iktar effettiv, flessibbli u f' waqtu u għandu japplika għat-tiswija ta' infrastruttura tat-toroq u tal-ferroviji li għandha l-ħsara; jistieden lill-Presidenza Portugiża fil-Kariga, kif ukoll lill-Ministri ta' l-UE għall-Finanzi, l-Ambjent u l-Iżvilupp Reġjonali, biex jieħdu azzjoni qawwija u mgħaġġla minnufih;

6. Iqis li l-esperjenza riċenti u tas-snin li għaddew tenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-ħila Komunitarja ta' prevenzjoni, tħejjija u reazzjoni tal-protezzjoni ċivili b'rabta ma' nirien fil-foresti u ma' nirien oħra f'żoni mhux ikkultivati, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni bil-qawwa biex tieħu azzjoni f'dan ir-rigward;
7. Jilqa' b' sodisfazzjon id-Deċiżjoni riċenti tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2007 li twaqqaf Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili u jemmaen li l-azzjonijiet li jingħataw għajjnuna finanzjarja permezz ta' dan l-istrument għandhom jiżguraw li tidher is-solidarjetà Ewropea u jagħtu aktar valur miżjud Ewropew lill-immaniġġjar effettiv ta' diżastri naturali; madankollu, huwa preokkupat li l-ammont allokat għal dan l-istrument ġdid m'huwiex se jkun biżżejjed biex jitwettagħ ix-xogħol ambizzjuż tiegħu b' mod effettiv;
8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tara hemmx il-possibiltà ta' aċċess miftiehem minn qabel għal kapacià komplementarja biex tkun żgurata reazzjoni ħafifa għal emerġenzi ewlenin, li jistgħu jkunu disponibbli minn sorsi oħra, inkluż is-suq kummerċjali; jissuġġerixxi li l-ispiża tal-forza li tkun qiegħda għassa tista' titħallas permezz ta' l-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili;
9. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jitkompla l-iżvilupp ta' kapacià b' reazzjoni ħafifa bbażat fuq il-moduli tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2006;
10. Jenfasizza li d-diżastri naturali, u b' mod partikulari n-nirien fil-foresti, din is-sena poġġew f'periklu konsiderevoli monumenti u siti arkeoġiċi ta' valur kbir għall-wirt kulturali Ewropew;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-potenzjal għal koperazzjoni bejn il-pajjiżi ġirien ta' l-UE u pajjiżi terzi oħra biex jitfu n-nirien diżastrużi, jaqsmu l-aqwa Prattiki u/jew kapaciàtjiet waqt ix-xhur perikolużi tas-sajf sabiex ikunu mħejjija aħjar għall-istaġun tan-nirien fil-foresti ta' l-2008;
12. Jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri aktar qawwija bil-għan li jiġu evitati diżastri naturali; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni fl-2008 ta' żewġ studji tal-Kummissjoni bil-għan li tinħoloq strateġija integrata għall-prevenzjoni ta' diżastri naturali;
13. Jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu li n-numru li qed jiżdied ta' diżastri kkawżati minn eventi estremi tal-klima li, skond l-esperti, qed jiġru l-aktar minħabba l-bidla fil-klima minħabba t-tiħin tad-dinja; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi ma' l-oġġettivi ta' Kyoto, u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni biex tiżgura r-rispett għall-impenji ta' Kyoto u tiggarrantixxi s-segwitu tagħhom;

14. Jemmen li r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar l-istrategġija riveduta għall-iżvilupp sostenibbli fiha elementi u prinċipji importanti li għandhom jitħarsu, u jhegġegħ l-implimentazzjoni ta' l-istrategġija f'waqtha;
15. Jemmen li l-enfasi għandha titqiegħed fuq il-prevenzjoni globali u reġjonali, aktar milli fuq il-limitazzjoni tal-ħsara wara li tkun saret;
16. Jitlob il-ħarsien komprensiv tal-foresti, sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun in-numru ta' nirien fil-foresti u t-tifrix u l-veloċità tan-nirien; jiġbed l-attenzjoni li l-bijomassa salvata tista' tikontribwixxi għall-fattibiltà ekonomika tal-proġett;
17. Jistenna li l-Istati Membri kollha jkollhom pjanijiet komprensivi u effettivi għall-immaniġġjar ta' diżastri min-nirien fil-foresti, inklużi proċeduri ta' evakwazzjoni ċivili suġġetti għal skrutinju u reviżjoni regolari f'livell ċentralizzat ta' l-UE;
18. Jiddeplora l-fatt li jidher li ħafna minn dawn in-nirien fil-foresti taqbbdu apposta; jistieden lill-Istati Membri biex mingħajr dewmien iwaqqfu miżuri biex issir ġustizzja ma' min iqabbd in-nirien apposta, sabiex tkun skoraġġgata aktar imġiba kriminali maħsuba;
19. Jiddispjaċih li n-nirien jitqabbd apposta minħabba spekulazzjoni ta' art; għalhekk, iqis li wasal iż-żmien għal liġi fuq livell Ewropew biex żoni ta' foresti maħruqa jitħarsu mill-użu sussegwenti bħala art għall-bini u għal programm obbligatorju ta' rijafforestazzjoni wara nirien fil-foresti;
20. Jemmen li diżastri bħal dawn jistgħu jkunu mmaniġġjati b'mod effettiv biss f'livell Komunitarju u għalhekk jirrikjedu reazzjoni effettiva f'livell Ewropew imsaħħaħ, jekk meħtieġ, bi strumenti Komunitarji għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-problema;
21. Ihegġegħ użu aħjar ta' mezzi finanzjarji u tekniċi u titjib xjentifiku għall-prevenzjoni u t-taffija ta' l-effetti tad-diżastri;
22. Jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-pieni għal atti kriminali li jagħmlu l-ħsara lill-ambjent u b'mod partikulari għal dawk li jqabbd n-nirien fil-foresti, u jemmen li investigazzjoni minnufih u effettiva li tiddeċiedi min hu responsabbli, segwita minn kastig proporzjonat, tiskoraġġixxi l-imġiba neglġenti u maħsuba;
23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirriveđu l-politiki u l-aħħjar prattika ta' ppjanar u ta' użu ta' l-art fid-dawl ta' l-aħħar riċerka dwar r-riskji li żdiedu ta' għargħar u ta' nirien fil-foresti kkawżati mill-mod li bih huma mmaniġġjati l-art, l-ambjent u l-iskular ta' l-ilma, u biex jippromwovu qafas ta' politika aktar sostenibbli li tiffaċilita l-iskular naturali u ż-żamma ta' l-ilma fl-ambjent kemm jista' jkun, filwaqt li jżidu wkoll il-kapaċità ta' l-infrastruttura għall-kontroll ta' l-għargħar u ta' l-iskular ta' l-ilma biex tkun limitata l-ħsara minn xita bil-qliel;
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar riċerka bil-għan li jitjiebu l-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti u l-metodi u l-materjali biex jintfew in-nirien fil-foresti, flimkien ma' riċerka għal bidliet possibbli fil-politika u l-prattiki tat-tħawwil, biex jitqiesu r-riskji dejjem jżdiedu ta' nirien li qed jiffaċċjaw Stati Membri ta' l-UE;

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi fil-fond tal-konsegwenzi u r-riperkussjonijiet tad-diżastri naturali, speċjalment dawk li jaffettwaw il-foresti ta' l-Unjoni, inkluż l-impatt fuq in-netwerk Natura 2000, u biex tressaq proposti għall-iżvilupp ta' politika komunitarja għall-kontroll tan-nirien fil-foresti u għal protokoll konġunt dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra dawn in-nirien;
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti kollha biex iqisu l-bidla fil-klima u l-possibiltà li żdiedet ta' diżastri bħall-ġhargħar u n-nirien fil-foresti meta tfassal il-baġits u r-riżervi għal dak li jista' jinqala' għas-servizzi ta' l-emerġenza u għal skemi bħall-Fond ta' Solidarjetà biex itaffu l-ħsara;
27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali milquta min-nirien u l-ġhargħar.